MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2014

Avviz Numru. 248/2011

**Anthony Zammit u martu Anna Zammit**

**vs**

**Alan M. Gatt**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur tal-atturi prezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-2 ta' Awwissu 2011 fejn talbu lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallashom

is-somma ta’ erbat elef, hames mija u tletin Ewro (€4,530) bilanc ta’ somma akbar rapprezentanti prezz ta’ xoghol ta’ mastrudaxxa u materjal (bibien u ghamara nkluza ghamara tal-kcina) maghmul fuq inkarigu tieghu u lilu konsenjat u mwahhal fil-post.

Bl-interessi u bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra interpellatorja tat-12 ta’ Mejju 2011 kontra l-konvenut ingunt biex jidher u ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut li giet prezentata fl-4 ta’ Ottubru 2011 fejn eccepixxa:

1. *“Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u l-ebda ammont ma hu dovut hekk kif ser ikun pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*
2. *Illi bla pregudizzju ghas-suespost ix-xoghol sar hazin u mhux skond is-sengha u l-arti kif ser ikun ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi;*
3. *Illi bla pregudizzju ghas-suespost l-ammont li qed jintalab huwa ezagerat.*
4. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.”*

Rat illi fis-seduta tal-5 ta’ Ottubru 2011 (fol 8) il-Qorti nnominat lill-Perit Alan Saliba bhala Espert Tekniku biex jiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet tal-konvenut stante li l-materja in kontestazzjoni ghandha bzonn hila specejali sabiex tigi ezaminata.

Rat l-affidavit tal-attur **Anthony Zammit** li huwa pprezenta quddiem il-Perit Tekniku l-Perit Alan Saliba fejn iddikjara li qabel ma huwa hadem ix-xoghol lil Alan Gatt huwa kien ghamel xoghol iehor ta' mastrudaxxa ghand omm Gatt. Huwa spjega li waqt li kien qed jaghmel ix-xoghol ta' ommu huwa gieli kellu lmenti u dejjem sab soluzzjoni tajba ghalihom. Jiftakar li darba minnhom kellu problema u Alan Gatt qal lil ommu *"hallieh lil Twanny ghax ma jahdimlix lili"*.

Huwa spjega li l-bibien ta' ommu kien bdihom minn injam tal-ahmar tal-pulzier u nofs. Peress li kien fih l-ingroppi m'ghogbuhiex u ridithom tal-kewba biex ma jkunx fihom ingroppi. Il-konvenut kien qallu biex l-injam tal-ahmar izommu u juzah fix-xoghol li riedu jaghmel ghal flat tieghu. Pero' wara l-konvenut ma riedx juza l-injam tal-pulzier u nofs ghax ried taz-zewg pulzieri. Ghalhekk l-attur biddel l-injam u ghamilulu tal-ahmar taz-zewg pulzieri hxuna. Pero' l-konvenut baqa' jsostni li l-injam kien laqqattulu minn t'ommu. Izda l-konvenut kien li qal lill-attur li kellu juza l-istess injam li kien ha juza fil-bibien t'ommu. Huwa sostna li meta huwa ftiehem ma' Alan, kellu jaghmillu seba' bibien tal-ahmar u kcina tal-oak. Il-konvenut ried illi jahdem kollox miz-zewg pulzieri u ghalhekk l-injam li kien fadal mix-xoghol ta' ommu u li kien ta' hxuna inqas ma giex uzat.

Spjega li l-prezzijiet li ftehmu dwarhom kienu hekk: il-kcina kellha tigi tiswa Lm 1,500 u l-bibien ta' gewwa kellhom jiswew Lm 130-il wiehed u l-bieb ta' barra Lm 130. Ghalhekk b'kollox kien hemm total ta' Lm 2,410. Huwa spjega li billi huwa ried il-bibien taz-zewg pulzieri l-bibien gholew ghal Lm 140-il wiehed. Huwa ghamel ukoll siggijiet bil-prezz ta' €315 u wicc ta' mejda bil-prezz ta' €233. Ghalhekk l-ammont totali tela' ghal €6,330 u minn din is-somma Gatt hallsu b'kollox akkont ta' €1,800 (zewg pagamenti akkont ta' €800 kull wiehed u iehor ta' €200).

Stqarr illi dwar id-difett li tfacca mal-lostru mal-buvett, dan kull ma ghandu bzonn huwa li jigi polished u jisparixxi. Huwa ghandu kamoxxa apposta biex isir dan ix-xoghol izda ma lahaqx ghamlu ghax Gatt beda jaqlalu l-problemi kull darba li jmur fl-appartament tieghu biex ikompli x-xoghol. Il-konvenut beda jghid illi qed isib il-hsara u ghalhekk ma riedx imur aktar meta l-konvenut ma jkunx prezenti. Huwa spjega li peress li jahdem regolarment, huwa ma setghax imurlu hlief fil-gurnata tas-Sibt u hu ma riedx joqghod mieghu. Ghalhekk peress li l-attur ma riedx imur ghandu meta ma jkunx hemm il-konvenut huwa baqa’ ma lahaqx irranga certu hwejjeg zghar li kien ghad fadallu jaghmel. Fost hwejjeg ohra huwa ma lahaqx wahhal ix-xambrelli kollha ghalkemm kienu lesti. L-ingroppi li semma l-attur huma naturali fl-injam tal-ahmar u dawn kollha gew stukkjati. Il-bieba tal-cabinets tal-kcina kellha bzonn tinbidel, bili t-toqba ghal handle intaqbet fil-post hazin u kien lest biex jibdilielu wkoll.

Rigward l-i*stain* li kien ta qabel qal illi huwa xtrah mill-post fejn qallu Gatt u tal-kwalita’ u kulur li orndalu hu wkoll. Dan jghodd kemm ghall-kcina u kemm ghall-bibien. Filfatt tal-kcina kellu numru 90 u dak ghal bibien kellu numru 92 u dan in-numri kien tahomlu Gatt. Filfatt irrizulta illi l-kwalita’ tal-*istain* li ghazel ma kienitx tajba bizzejjed ghal fuq il-bibien tal-ahmar billi kienet zejtnija. Huwa spjega li l-*istain* tal-ispirtu li juza s-soltu qatt m’ghamlitlu tbajja imma l-*istain* li qabbdu jixtrilu Gatt huwa zejtni u ghalhekk hargu t-tbajja. Ic-carcir nizel ghax idum ma jinxef. Rigward ix-xambrelli huwa stqarr illi dawn kienu ghadhom ma twahhlux sewwa ghax kellhom jaghmlu zukklatura wkoll. L-ispazju li baqa’ bejn il-koxxa tal-bibien u l-blata huwa kkagunat minhabba li l-bibien tal-gebel ma kienux indaqs, u ghamel il-bibien tal-injam gholi wiehed skond is-sengha. Huwa tenna li l-viti tal-pumi jigu mwahhla wara li jispicca, peress li jkunu tar-ram. Dawn il-viti ghadhom ghandu.

Rigward il-bieba tal-fridge huwa car illi din ma setghetx issir bicca shiha wahda. Il-konvenut qed jilmenta li fiha difett pero' huwa sostna li din il-bieba ma fiha l-ebda difett ghax hija mahduma skond is-sengha u hija rfinuta wkoll. Iddikjara li wara li kien lest il-konvenut ried li l-bibien jaghmilhom bil-lastiku pero' huwa kien wiegbu li ma kienux ftehmu bil-lastiku u li kieku kien qallu li riedhom hekk, huwa kien jirrifjuta li kien jahdimhom. Il-konvenut xorta wahhal il-lastiku izda issa l-bibien qeghdin jinbarmu.

Spjega li meta kienu ddiskutew kif kellha ssir il-kcina, ir-ruzun tas-saqaf ma kienx imsemmi waqt il-ftehim. Fil-ftehim il-konvenut qatt ma semma li ried jghatti s-*ceiling rose* bir-ruzun. Filfatt hemmhekk kien hemm ceiling rose bil-bozza mdendla li mbaghad qalaghha u riedu jghattihielu.

Huwa sostna li huwa dejjem ried ikompli bix-xoghol miftiehem u ried jirfina x-xoghol fuq il-post. Izda kull meta kien imur ghandu biex ikompli bix-xoghol, il-konvenut ma kienx joqghod mieghu u beda jilmenta li kull meta huwa beda johrog mill-post beda jsib il-hsara u jwahhal fih li ghamillu l-hsara hu. Ghalhekk ma riedx jidhol aktar ghandu jekk hu ma jkunx prezenti izda hu ma riedx joqghod mieghu ghax kien jghid li jkollu x-xoghol tieghu nhar ta' Sibt meta huwa kien imur jahdimlu. Il-konvenut kien jaf illi huwa ghandu xoghol iehor peress li huwa impjegat u ma setax imur hlief is-Sibt izda l-konvenut kien jghidlu biex is-Sibt ma jmurlux. Huwa gieli anke mar fi granet ohra izda hu xorta ma kienx ikun hemm.

Il-konvenut qallu li huwa kien giriflu l-wicc tal-granit tal-bank tal-kcina meta dan tant huwa iebes illi ma jingirifx. Filfatt huwa staqsa lil min ibiegh il-granit u qallu li l-granit mhux facli jingiref. Waqt l-access li sar, il-konvenut rega' semma girfa ohra li qal li sab fil-granit u beda jwahhal fih ukoll. Huwa sostna li huwa ma ghamel ebda wahda minn dawn il-grif u sa ma dahal hemm l-ahhar darba hu girfa wahda biss kien semma. Iddikjara illi li kieku f'dak iz-zmien ma kienx qed joghgbu x-xoghol tieghu ma kienx jighdlu biex jaghmillu wkoll xoghol iehor.

**Alan Gatt** il-konvenut xehed fis-27 ta' Novembru 2012 quddiem il-Perit Tekniku fejn iddikjara li huwa qabbad lill-attur jaghmillu xoghol ta' kcina u bibien fi Flat 1, Magnus Buildings, Triq is-Sewwieqa, Housing Estate, Tar-Rabbat, Hamrun. Huwa ma jiftakarx il-prezz miftihem pero' jaf li fadallu jhallas lill-attur seba' mitt ewro. Mistoqsi x'wasslu biex ma jhallasx dan il-bilanc qal li l-attur abbanduna x-xoghol. Tant hu hekk li l-attur kellu xi xoghol iehor x'jaghmel ghand il-konvenut u filfatt il-konvenut tah sink tac-caqquf li kien gej *unit* tal-kamra tal-banju u dan is-sink tahulu lura. L-attur kien ser jahdimlu d-dar kollha u fil-frattemp li qed iwahhallu x-xoghol tah il-*unit* tal-kamra tal-banju biex jaghmlu wkoll.

Huwa jiftakar li l-attur kien tkellem mieghu dwar problema fil-lostru billi kien uza xi lostru gdid u qallu sabiex jitolbu parir lil xi hadd. L-attur kien kellem xi persuna pero' baqa' bla risposta. Il-kcina kien wahhalha bil-lostru hazin kif kienet. Il-bibien kien weghdu li ha jdurhom wara biex jghinu jidhol fil-post pero' dawn ma xkatlahomx u sprejja fuq kollox.

L-attur kien talab parir liz-ziju tal-konvenut Dominic Azzopardi u filfatt dakinhar li ha l-parir kien abbanduna x-xoghol. Sussegwentement kienu xtraw il-materjal u ghamluh huwa u z-ziju tieghu. Huma kienu daru l-kcina billi xkatlawha u

tawha l-lostru. Din damu ghaddejin madwar sena u l-attur rega' kellmu wara din is-sena. Fuq il-bibien spjega li ma rrangaw xejn. Hawn huwa prometta li jipprezenta prospett ta' x'hallas lill-attur fejn l-attur kien anke jiffirmalu.

**Alan Gatt**, il-konvenut rega' xehed quddiem il-Perit Tekniku nhar il-11 ta' Gunju 2013 fejn spjega li dwar il-bieb ta' barra c-cappetti kienu diga' mibrumin. Huwa tenna li l-bieb mhux jissakkar u biex jinghalaq fuq il-molla huwa wkoll difficli. Huwa gab mastrudaxxa biex jaghtih stima u prometta li jipprezenta din il-*quotation* fir-Registru. Huwa kien hallas ghal serratura Mottura li pero' mhix qed tahdem. Il-konvenut qal li minn dak iz-zmien li sar l-access ghal-lum il-bibien ghamlu aktar moviment.

Il-konvenut kompla jixhed in kontro-ezami fejn iddikjara li qabel ma qabbad lill-attur biex jahdimlu, huwa kien ra x-xoghol tal-attur u kien hadem ukoll lil ommu u missieru. Ix-xoghol li ghamel lilu huwa hafna ghar mix-xoghol li hadem lil ommu u missieru.

**Dominic Azzopardi** xehed quddiem il-Perit Tekniku nhar il-11 ta' Gunju 2013 fejn iddikjara li l-konvenut Alan jigi n-neputi tieghu. Huwa spjega li xoghlu kien li jisprejja l-ghamara. Ix-xhud tenna li huwa kien mar fuq il-post tan-neputi tieghu l-Hamrun u hin minnhom anke kien hemm l-attur. Huwa nnota li l-kcina kellha l-lostru jwahhal u tah il-parir biex jixkatlawha kollha u tinhasel bl-*acetone*. Il-problema li kellha kien li probabbli ma kellhiex hardener bizzejjed. Huma ppruvawh bl-*acetone* pero' ma hadmitx billi l-lostru kien iwahhal. Sussegwentement Alan u missieru xkatlawha u huwa kemm friskaha billi sprejjaha wahda finish bil-laquer. Ix-xhud tenna li dahal biss fuq il-kcina. Huwa

kien dahal fuq il-bibien tal-kmamar fil-bidu meta l-attur kien talbu stima biex jirrangahom pero' din waqfet hemm.

**Il-Perit Alan Saliba** xehed fil-25 ta' Gunju 2014 fejn iddikjara li huwa kien gie nominat minn din il-Qorti sabiex jirrelata fuq it-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet tal-konvenut. Huwa filfatt ezebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata mill-Qorti bhala Dokument AS. Il-Perit ikkonferma li huwa ghadda kopja ta' din ir-relazzjoni lill-partijiet.

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Alan Saliba li gietypprezentata fil-25 ta' Gunju 2014 fejn wasal ghas-segwenti konkluzjonijiet:

*"Jirrizulta illi l-kcina, il-bieb ta' barra u s-sitt bibien interni bil-prezz ta' hamest elef, seba' mija u sitta u sebghin ewro u erbgha u tmenin centezmi (€5,776.84)mahduma u mwahhla mill-attur ghand il-konvenut ma sarux skont l-arti u s-sengha.*

*Ma jirrizultawx difetti fis-siggijiet u fil-wicc tal-mejda tal-kcina fornuti mill-atturi lill-konvenut bil-prezz ta' hames mija u tmienja u erbghin ewro (€548.00).*

*Jirrizulta illi l-konvenut hallas akkont elf u tminn mitt ewro (€1,800) fir-rigward lill-attur."*

**Il-piz probatorju ta` relazzjoni peritali.**

Fis-sentenza taghha tad-19 ta` Novembru 2001 fil-kawza "**Calleja vs Mifsud**", il-Qorti tal-Appell qalet hekk:

*"Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta` fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero', huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta' l-appell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta' natura teknika li ma setax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta' espert in materja. B'danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex thares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta' natura teknika."*

*"In linea ta` principju, ghalkemm Qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet ta` perit tekniku kontra l-konvinzjoni taghha (dictum expertorum numquam transit in rem judicata), fl-istess waqt dak ma jfissirx pero` illi qorti dan tista' taghmlu b' mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b' ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taht ezami"* ("**Grima vs Mamo et noe**" – Qorti tal-Appell – 29 ta' Mejju 1998).

Jigifieri Qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta` tali relazzjoni ma kienetx gusta u korretta.

Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku. ("**Cauchi vs Mercieca"** – Qorti tal-Appell – 6 ta' Ottubru 1999 ; "**Saliba vs Farrugia**" – Qorti tal-Appell – 28 ta' Jannar 2000 u "**Calleja noe vs Mifsud**" – Qorti tal-Appell – 19 ta` Novembru 2001).

*"Il giudizio dell`arte espress mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta` lilha moghtija ta' talba ghan-nomina ta` periti addizzjonali, jigi skartat facilment, ammenokke` ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli"* – ("**Bugeja et vs Muscat et**" – Qorti tal-Appell – 23 ta` Gunju 1967).

Ghalhekk 'in fin dei conti` qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta` tali relazzjoni ma kinitx gusta u korretta.

**Dritt - Il-kuntratt ta` appalt.**

In-natura tal-kuntratt ta' appalt kienet trattata fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tad-9 ta' April 1968 fil-kawza "**Busuttil vs Fedele et**" fejn *inter alia*

kienet citata s-sentenza ta’ l-Qorti tal-Kummerc li kienet inghatat fid-9 ta’ Marzu 1939 fil-kawza “**<u>Micallef vs Mamo et noe</u>**” (Vol.XXX.III.433).

Fis-sentenza “**<u>Busuttil vs Fedele et</u>**”, il-Qorti qalet hekk:

*“..... il-kuntratt ta’ appalt huwa kuntratt bilaterali u dejjem soggett ghal patt kommissorju tacitu. Konsegwentement meta d-difetti fl-ezekuzzjoni jkunu ppruvati, il-kriterju essenzjali tad-decizjoni tinsab fl-ezami jekk ix-xoghol ikunx affett jew le minn vizzji sostanzjali. Dawn huma dawk id-difetti, imsejhin ukoll essenzjali, li jipprivaw il-haga mill-iskop jew mill-utilita’ taghhom b’mod li ma tibqax tikkorrispondi mad-destinazzjoni proposta mill-kommittent u ndikata min-natura stess tax-xoghol waqt li l-ohrajn kollha ghandhom jigu ritenuti mhux essenzjali. Meta d-difetti jkunu essenzjali, l-kommittent ghandu d-dritt jitlob ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt minhabba linadempjenza. Meta ghal kuntrarju d-difett ma jkunx sostanzjali, l-appaltatur ma jistax jigi ritenut inadempjenti pero` jibqa` obbligat li jirripara d-difetti jew jaccetta riduzzjoni”.*

Din is-sentenza kienet segwita mid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell (Sede Kummerc) tat-22 ta’ Gunju 1994 fil-kawza “**<u>Bonnici noe vs Sammut</u>**”.

Din il-Qorti jidhrilha li ghandha tikkonferma, u fl-istess waqt taghmel taghha, l-principji ta` dritt li jirregolaw l-appalt, u li sintesi akkurata taghhom hija migbura fis-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza “**<u>Darmanin vs Agius</u>**” li kienet deciza fid-9 ta` Ottubru 2004.

Hemm inghad hekk -

*"Bhala l-ewwel principju huwa dottrinalment u gurisprudenzjalment ricevut illi l-appaltatur ghandu lobbligu li jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li `l quddiem juri difetti.*

*L'imprenditore ha l'obbligo di eseguire bene l'opera commessagli, secondo i dettami dell'arte sua, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria" (Kollez Vol.XXVII pI p373). Dan fis-sens li hu "ghandu jiggarantixxi l-bonta` tax-xoghol tieghu*" (Kollez Vol XL pI p485).

It-tieni principju jghid illi *"L-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta' l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina" (Kollez. Vol XXXVII pIII p883). Ghax kif jinsab ritenut ukoll "f'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmilx ix-xoghol, jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigu `l quddiem" (**Mario Blackman -vs-Carmelo Farrugia et noe**", Appell Kummercjali, 27 ta' Marzu 1972). Dan hu hekk avvolja jkunx hemm l-approvazzjoni tax-xoghol (Kollez. Vol XLI pI p667) jew l-appaltatur ikun mexa skond l-ispecifications jew l-istruzzjonijiet lilu moghtija mill-kommittent.*

*E` dovere dell'appaltatore di resistere ad ordini che egli vedesse pregiudizievoli alla solidita` e contrari alle buone regole dell'arte*" (Kollez Vol. XXV pI p727).

Referenza ohra fuq din il-materja sabiex tikkollobora dak li intqal aktar ‘il fuq hija is-sentenza deciza nhar il-25 ta' Jannar, 2011 fl-ismijiet ‘**Stivala Operations Limited vs Fithome Interiors Limited**’ Citazzjoni Numru. 503/2007 li irreferiet ghas-sentenza fl-ismijiet ‘**Proinvest Limited vs Giljan Agius**’ (Appell 8 ta’ Jannar 2010) fejn intqal:

*“hu dover tal-appaltatur li jippresta xoghol tajjeb indipendentament x’jikkonsilja jew ma jikkonsiljax is-sid. Intqal kemm il-darba li l-appaltatur li jesegwixxi hazin ixxoghol li jifforma l-oggett tal-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezukuzzjoni hazina. Dan hu hekk avoja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol jew l-appaltatur ikun mexa’ skond l-ispecifikazzjonijiet jew istruzzjonijiet, anke espresso, moghtija mill-kommittent. L-appaltatur hu obbligat u hu dejjem responsabbli li jaghti lil min qabbdu opra sodisfacenti u ma jistax jallega li xxoghol sar mhux sewwa ghax il-kommittent ma oggezzjonax ghal mod kif kien qed isir ix-xoghol. Fil-fatt intqal ukoll li l-hlas tal-prezz tal-appalt ma jfissirx necessarjament approvazzjoni tax-xoghol jekk dan fil-fatt jirrizulta difettuz*.”

Il-Qorti ta’ l-Appell fil-kawza ‘**Muscat vs Cuschieri**’ deciza fis-26 ta’ Mejju 2006 ziedet tghid li:

*“min jidhol biex jesegwixxi appalt irid jaghmel tajjeb anke ghall-bonta` tal-materjal li jforni inkluz li dan il-materjal ikun idoneju ghall-iskop li ghalih ser jintuza*”.

Illi ghalhekk mis-suespost jirrizulta li l-attur, li kien l-appaltatur f'din il-kawza, kellu obbligu li jghamel l-appalt moghti lilu skond is-sengha u l-arti u jekk ma qabilx ma' xi ordni li giet moghtija lilu bhal dik tal-uzu tal-istain huwa kellu jirifjuta l-uzu tieghu u mhux juzha dik l-istain u wara jghid li ghamel hekk sabiex jissodisfa lill-kliljent u dan ghaliex wara kollox il-klijent xoghol tajjeb ikun irid *piu che' altro.* Jinghad li l-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta' l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina ... Dan hu hekk avvolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol jew l-appaltatur ikun mexa skond l-istruzzjonijiet lilu moghtija mill-kommittent kif donnu kien il-kaz in desamina. [**Darmanin v Agius,** Appell, 09.10.2004]

Illi ghalhekk il-Qorti, wara li rat il-provi migbura u l-konkluzjonijiet tal-Perit Tekniku ibbazati fuq l-istess, tiddeciedi li dawn jimmeritaw li jkunu ben akkolti minn din il-Qorti anke ghaliex kif qalet il-Qorti tal-Appell fid-9 ta` Frar 2001 fil-kawza **"Camilleri noe vs Debattista"** *"ikun pruzuntuz ghall-gudikant illi jiddipartixxi bla raguni verament valida mir-relazzjoni teknika. Dan mhux biss ghax ma kellux il-mezzi ghad-disposizzjoni tieghu biex serenament jinoltra ruhu fl-aspetti teknici talmertu,imma wkoll ghaliex necessarjament tkun tonqsu dik il-konoxxenza mehtiega biex, b`mod kritiku, jasal ghal konvinciment divers minn dak li jkun wasal ghalih l-espert nominat minnu".*

Illi bhala fatt jidher li x-xoghol li sar mill-attur fil-kcina, fil-bieb ta' barra u s-sitt bibien interni kif deskritti fir-relazzjoni tal-Perit Tekniku ma gewx mahduma skond is-sengha u l-arti kif tenna l-istess Perit fir-relazzjoni tieghu u dan ix-xoghol kellu valur totali ta' hamest elef, seba' mija u sitta u sebghin ewro u erbgha u tmenin centezmi (€5,776.84) u ghalhekk stante li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti din is-somma mhix dovuta lill-attur. Fir-rigward ta' xoghol li sar fis-siggijiet u fil-wicc tal-mejda tal-kcina jidher li x-xoghol sar tajjeb

u ghalhekk il-hlas ta' hames mija u tmienja u erbghin ewro (€548) huwa gustifikat.

L-attur isostni ukoll li huwa thallas inqas mill-prezz iffissat fis-suq kurrenti ghax-xoghol li sar u ghalhekk f'kaz li kien hemm xi difett, dan ghandu jittiehed in konsiderazzjoni. Din il-Qorti ma taqbilx ma' din il-linja ta' difiza u dan ghaliex f'kaz li l-attur kien lest li jithallas inqas ta' xogholu xorta ma jibqax gustifikat li jesegwixxi l-appalt mhux skond is-sengha u l-arti kif del resto sar.

Illi bhala fatt jidher li l-konvenut gja hallas is-somma ta' elf u tmien mitt ewro (€1,800) u ghalhekk gja ghamel tajjeb ghax-xoghol li sar in konnessjoni siggijiet u fil-wicc tal-mejda tal-kcina.

Il-Qorti rat li l-konvenut ma pprezenta l-ebda kontro-talba ghal hlas zejjed li ghamel.

**Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda tichad it-talbiet tal-attur billi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut.**

**Tordna li l-ispejjez kollha tal-kawza jtihallsu mill-attur inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-12 ta' Mejju 2011 kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------